MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 293/2013

**Saviour Pisani (K.I. 964644M)**
**Vs**
**Anthony Chircop u Matthew Dimech**
**fil-kwalita' taghhom ta' Sindku w Segretarju Ezekuttiv**
**rispettivament tal-Kunsill Ta' Sliema**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur justipremetta illi waqt li kienu qed isiru xogholijiet go St. Mary Street, Sliema saret hsara f'pipe tad-drenagg u b'rizultat ta' dan l-esponenti sofra danni fil-proprjeta' tieghu 146, St Mary Street, Sliema ammontanti ghal elf hames mija u sittin ewro (€1560); illi d-danni gew kkawzati b'rizultati tan-neglegenza tal-kunsill intimate sew ta' nies inkarigati minnhom u ghalhekk ghandhom jigu kkundannati; illi jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' €1560 jew somma verjuri li għandha tigi likwidata minn dan it-Tribunal, jekk hemm bzonn bl-għajnuna ta' periti nominandi; bl-imgħax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra

ufficjali tat- 28 ta’ Gunju, 2012 kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqaw ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-20 ta’ Novembru, 2013 mill-Avukat Stefan Camilleri u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elf hames mija u sittin ewro (€1560) u dan bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat- 28 ta’ Gunju, 2012 u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------